MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta ta' l-4 ta' Novembru, 2004

Talba Numru. 351/2004

**Visa Investments Limited**

**vs**

**Adrian Pillow u ghal kull interess li jista' jkollha martu Patricia Pillow**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-11 ta' Frar 2004 fejn gie mitlub li l-konvenuti jigu kkundannati jhallasu lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf u hames mitt lira Maltin (lm1,500.00) rapprezentanti flus mislufa lill-konvenut Adrian Pillow u li baqghu ma gewx imhallsa lura anke wara diversi weghdiet ta' hlas.

Oltre l-ammont fuq imsemmi, l-konvenuti ghandhom ihallsu l-imghaxijiet mill-31 ta' Janna, 1993, d-data meta l-flus kellhom jigu restitiwiti.

Ra n-nota ta’ Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u tal-Artikoli 698(2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenuti gew regolarment notifikati, naqsu milli jidhru meta gew prezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta’ Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqsatant it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ elf u hames mitt lira Maltin (Lm1,500.00) bl-imghax pagabbli mill-31 ta’ Jannar, 1993, sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjes ta’ din l-istanza ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenuti skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM--------------------------------